# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Settembru 2024**

**Numru 7**

**Rikors Numru 970/2019/1 JVC**

**Carmel *sive* Charles Debattista**

**v.**

**Herbert Debattista u Antoine Debattista**

**Il-Qorti**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur, wara deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar it-28 ta' Ġunju 2023. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur u laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u ma sabitx lill-konvenuti responsabbli għad-danni li ġarrab l-attur wara argument verbali u fiżiku li seħħ bejn il-partijiet.

## Daħla

2. L-attur ressaq is-segwenti talbiet:

*"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa unikament responsabbli ghad-danni u l-ispejjez l-ohra kollha sofferti mir- rikorrenti, kif fuq spjegat, b'konsegwenza ta' dak li sehh fit-2 ta' Jannar 2018;*
*2. Tillikwida jekk thoss il-htiega permezz ta' periti nominandi, id-danni u l-ispejjez kollha sofferti ir-rikorrenti, skont il-ligi, konsistenti fost l-ohrajn fi hsarat, spejjez attwali u konsegwenzjali, kif ukoll dak konsistenti f'debilita' funzjonali u permanenti, telf ta' qligh futur, u danni u spejjez ohra;*

*3. Tillikwida id-danni morali u psikologici sofferti mir- rikorrenti;*

*4. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti d- danni u l-ispejjez hekk likwidati, u dan flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribli"*

3. L-attur ressaq it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

*"1. Illi l-partijiet huma ahwa, ulied, Annie Scerri, illum mejta.*

*2. L-attur twieled nhar is-sitta (6) ta' Lulju elf disgha mija tlieta u sittin (1963).*

*3. Omm il-partijiet mietet nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru elfejn u sbatax (2017). Nhar it tnejn(2) ta' Jannar elfejn u timintax (2018), ftit minuti qabel beda' l-funeral ta' omm il-partijiet, hut l-attur aggredew lill-attur, bl-aktar mod vjolenti, hebbew ghalih, u ikkawzawlu griehi gravi fuq il-persuna tieghu, dan kollu fuq iz-zuntier tal-Knisja . Immedjatament, l-attur kellu jittiehed l-isptar Mater Dei, u tilef sahansitra l-funzjoni tal-funeral u d-difna ta' ommu.*

*4. Htija ta' din l-aggressjoni vjolenti, l-esponent sofra griehi gravi u debilita' permanenti, li giet klassifikata fil-persentagg ta' sebgha fil-mija (7%). Apparti dan, sofra danni morali u psikologici mhux b'konsegwenza diretta tal-griehi li sofra, izda wkoll minhabba l-fatt illi minhabba l-vjolenza li sofra, huwa wkoll gie mcahhad milli jaghti tislima lill-ommu fil-funeral taghha.*

*5. Apparti dan l-attur sofra telf ta' xoghol, hsara fl-arlogg tal- marka 'Rolex' li kienet qieghed igorr f'idu dak il-hin, kellu jbiddel il-vettura tieghu, apparti li sofra spejjez u danni ohra li lkoll se jigu pruvati waqt is-smigh tal-kawza.*

*6. Ghalhekk, l-intimat huwa responsabbli ghad-danni, u huwa obbligat*

*skont il-ligi ihallas lir-rikorrenti id-danni kollha minnha imgarrba ai termini tal-artikolu 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' kwalunkwe ligi ohra, inkluz il-lucrum cessans u l-ispejjez minfuqa, it-telf ta' qliegh, u d-danni ta' natura psikologika*
*flimkien mad-danni morali, apparti danni ohra.*

*7. Ir-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Raguni ta-talba*

*Ghalhekk kellhom jigu mibnija dawn il-proceduri biex l-esponenti jitlob illi jigu likwidati d-danni b'konsegwenza tal-incident li sehh nhar it-tnejn (2) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018) u l-intimati jigu ikkundannati jhallsu d-danni hekk likwidati lill-attur;" u*

4. Il-konvenuti ressqu s-segwenti risposta ġuramentata:

*"1. Illi primarjament, l-eccipjenti jirrilevaw li t-talbiet kif rivolti fil-konfront taghhom ghal dikjarazzjoni u likwidazzjoni ta' danni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-tratazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi di piu u minghajr pregudizzju ghal premess, l- aggressjoni mertu ta' dawn il-proceduri ma gietx inizjata mill- eccipjenti kif indikat mir-rikorrenti fir-rikors promotur, u l- partijiet kollha inkuz ir-rikorrenti aggredixxa lil intimati.*

*3. Illi ma huwiex minnu li jezistu danni morali u psikologici sofferti mir-rikorrenti li l-eccipjenti ghandhom jaghmlu fronti.*

*4. Illi in vista tal-premess, u stante li l-incident gie amplifikat mir-rikorrenti, huma ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il- proceduri.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti li huwa min issa ngunt ghas-subizzjoni."*

5. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li:

*"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.*

*Bl-ispejjez kollha kontra."*

6. L-attur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ukoll l-appellant) ressaq

appell nhar il-25 ta' Lulju 2023 u l-konvenuti (minn issa 'l quddiem imsejħin ukoll l-appellati) ressqu risposta nhar it-28 ta' Awwissu 2023. Permezz ta' dan l-appell, l-appellant jilmenta mill-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti.

**Fatti**

7. L-attur ressaq din il-kawża sabiex jitlob danni attwali, morali u psikoloġiċi, liema danni l-attur sostna li sofra frott inċident li seħħ fit-2 ta' Jannar 2018 bejnu u bejn il-partijiet l-oħra, waqt il-funeral ta' ommhom; il-partijiet huma aħwa. L-attur jgħid li kienu l-konvenuti li taw bidu għall-ġlieda in kwistjoni, fatt innegat mill-konvenuti. L-Ewwel Qorti ma sabitx li tressqet prova li fil-fatt kienu l-konvenuti li bdew il-ġlieda in kwistjoni u b'hekk ċaħdet it-talbiet tal-atturi.

8. Tressqu diversi xhieda u ġew imqabbda wkoll esperti. Separatament tressqu proċeduri kriminali kontra l-partijiet.

9. Fil-qosor jidher li beda l-argument bejn il-partijiet wara li l-konvenuti ma qablux li mart u bint l-attur kellhom jaqraw il-qari waqt il-funeral ta' omm il-partijiet. Jidher li diżgwid verbali spiċċa f'diżgwid fiżiku tant li eventwalment l-attur spiċċa l-isptar u tilef il-funeral. L-attur jisħaq li l-qiegħa bdiet tisħon meta mill-kamra mortwarja l-konvenuti diġà ma kinux kuntenti bl-irtokk li kellha ommhom ma' wiċċha, li skont il-kummissjonant għamlu l-attur, u mill-għażla tat-tebut, li skont il-konvenuti ma kienx dak li

qablu fuqu l-partijiet bejniethom.

10. Meta waslu fuq iz-zuntier tal-knisja fejn sar il-funeral, il-knisja tal-Madonna ta' Fatima ġewwa Gwardamangia, u semgħu lill-attur jiftiehem mal-qassis fir-rigward tal-qari, l-attur jgħid li l-konvenuti ma ridux lil bint l-attur taqra għax skont l-attur sejħulha barranija, peress li hi addottata, filwaqt li l-konvenuti riedu li l-familjari tagħhom jaqraw, iżda l-attur oġġezzjona peress li dawn kienu qraw fil-funeral ta' missierhom lura fl-2014.

11. Jidher li f'daqqa waħda beda argument u b'xi mod l-attur spiċċa mal-art, hu jgħid għaliex ġie mwaqqa' mill-konvenuti, il-konvenuti jisħqu li l-attur żelaq wara li qabad wiċċ Antoine u waqqalu n-nuċċali. Verżjoni oħra tgħid li l-attur ta daqqa ta' ponn lil Antoine u kissirlu n-nuċċali. B'xi mod Herbert spiċċa nġibed fuq Carmelo, u kien hemm tixjir tas-saqajn.

12. L-Ewwel Qorti għamlet elenku tax-xhieda, inkluż xhieda li ġiet mogħtija fil-kumpilazzjoni kriminali kontra l-konvenuti, kopja ta' liema hi annessa, liema elenku qed jiġi riprodott hawn:

- **Xhieda ta' Carmen Debattista, il-mara tal-attur:**

*"Il-Qorti rat li a fol. 21 et seq tal-process odjern xehdet mart ir- rikorrent Carmen Debattista nhar it-12 ta' Novembru, 2021. Hija tghid li dakinhar tal-incident kienet gia tinhass tensjoni fil-kamra mortwarja fejn hassitha li huma ma kienux 'welcome' millintimati u l-familjari. Tghid li x'hin kienu barra l-kummissjonant allegatament ghan-nom tal-intimat Herbert Debattista talab sabiex ir-rikorrent jghaddilu c-certifikat tal-mewt. Ir-rikorrent wiegeb biss li kien ser jitfa' c-certifikat fil-'letterbox' tad-dar tal-*

*mejta. Izzid li waqt il-korteo r-rikorrent ircieva telefonata minghand in-Nutar Miriam Spiteri Debono dwar ic-certifikat tal-mewt u semghet lir-rikorrent jghidilha kif dawn ser jibqghu jinsistiu ghac- certifikat tal-mewt anki waqt il-funeral ghaliex qalla 'Istra, waqt, sejrin ghall-funeral u qed jitolbuni dan l-imbierek certifikat.'(fol. 23). X'hin waslu hdejn il-knisja ta' Fatima fi Gwardamangia tghid li kulhadd spicca fuq iz-zuntier jistenna ghaliex il-quddiesa ta' qabel ma kinitx ghadha lesta. Mar hdejhom Fr Alex Scerri li jigi n- neputi tal-mejta fuqha u fuq ir-rikorrent u staqsa min kien ser jaqra u r-rikorrent irrispondha li kienu ser jaqraw hi bhala l-mara u binthom. Il-Qassis beda jtihom il-materjal biex jaqraw. Waqt dan kollu semghet lill-intimati jistaqsu min ser jaqra u kien hemm oggezzjonijiet li kienu ser jaqraw huma u tghid li semghet kliem 'Dik ma taqrax. Noggezzjona ghaliex mhijiex demna' u hi fehmet li l-kliem kien dirett lejn bintha li hija addottata. Izzid izda li lintimat Antoine Debattista huwa l-parrinu taghha.*

*Tkompli tixhed li r-rikorrent insista li kellhom jaqraw hi u t-tifla ghaliex f'funeral precedenti kienu qraw l-familjari tal-intimati. F'dak il-hin tghid li Herbert Debattista beda jirrabja billi jaghmel idejh f'halqu. Tghid li l-intimat Herbert Debattista beda jghid lill-intimat Antoine Debattista biex ma jmissx lir-rikorrenti u Antoine beda jghid lir-rikorrent Charles biex ma jmissx lil Herbert. Tiddeskrivi l-akkadut ta' wara kif isegwi:*

*'Fid-daqqa u il-hin, Herbert iggranfa li Charles. Antoine ukoll imbotta lil Charles. Kulhadd waqa' fuq Charles jigifieri litteralment kulhadd fuqu ghaliex imbaghad f'dik il-kommossjoni, kulhadd malli ra x'qed isir, beda jiprova jindahal halli jikkalma il- bicca.' (fol. 25/26)*

*Skont hi x'hin rat lir-rikorrent jaqa lura ghal rasu hi u bintha bdew jipruvaw jigbdu lil Antoine biex ma jkomplix jagredixxi lir- rikorrenti u n-nies jipruvaw jaqilghuh. Dwar Herbert ma tafx fejn kien waqt il-kommossjoni. Tghid li wara dan kollu r-rikorrent deher li ma jistax iqum u beda jghid li kisrulu saqajh u kellu ugiegh f'rasu. Cemplu lill-Ambulanza u lill-Pulizija u fil-frattemp semghu lill-intimat Antoine Debattista jghid li 'nigi intieh giex tiri go rasu'. Il-familjari tal-intimati kienu wkoll qed jikkalmawhom. Wara marru bl-Ambulanza u tilfu l-funeral.*

*Dwar il-griehi tghid li ghall-ewwel ir-rikorrent gie assessjat li kellu sebghu zlugat u li kellu 'whiplash' pero' l-ugiegh ma taffiex u f'Marzu rrizultat 'injury' li kellu jopera ruhu b'dana li kellu nuqqas ta' mobilita' u nuqqas ta' xoghol. Baqghu wkoll bi trawma li ma attendewx ghall-funeral ta' omm ir-rikorrent. Tghid li omm ir-rikorrent kellha relazzjoni tajba maghha u kienet toqghod maghhom biss. Illum il-gurnata r-rikorrent ghad ikollu ugiegh f'siequ li jimpedih milli jkompli bil-hajja normali u bhala ezempju tghid li jekk jixtieq imur passiggata jew ikollu l-ugiegh twaqqfu.*

*A fol. 49 tal-process kriminali anness ukoll xehdet Carmen Debattista mart ir-rikorrent. Tghid li waqt it-tilwima dwar il-qari Herbert kien riesaq lejn Charles filwaqt li jigdem idu. Dahlet bejniethom izda Herbert assalta lil Charles u Antoine dahal f'nofshom jghajjat lejn Charles 'Lil dak ma*

*tmissux' b 'referenza 8 ghal Herbert u assalta lil Charles. Herbert lil Antoine qallu 'Tmissus, tmissux'. Tiftakar lil kulhadd jaqa' mal-art u Antoine jaghti daqqiet lil Charles. In-nies u hi pruvaw kemm jistghu jigbdu lil Antoine minn fuq Charles izda tghid li ma kienx facli.*

*Meta fl-ahhar tnehha Antoine minn fuq Charles, Charles ma setax iqum u kien mugugh u beda jghid li kisrulu siequ u li rasu qed tugghu. Tghid li mill-boghod semghet lill-Antoine jghid fid- direzzjoni ta' Charles 'Illejla noqtlu, zewg tiri go rasu ntih' u rega' rrepetiha. Mart ir-rikorrent regghet xehdet fil-proceduri kriminali kontra l-intimati nhar il-21 ta' Jannar, 2019 a fol. 106 tal-process. Ta' rilevanza u b'zieda ma' dak li gia kienet xehdet tghid li hi u t-tifla kienu qed jigbdu lil Antoine waqt il-glieda u kien hemm xi nies ohra li pruvaw inehhu lill Antoine minn ma' Charles imma ma tistax tghid min kienu"*

- **Xhieda ta' Marie Debattista, bint l-attur:**

*"A fol. 34 et seq tixhed bint ir-rikorrent Marie Debattista. Hi wkoll tghid li fil-kamra mortwarja hassew certu ostilita' allura hargu barra. Issemmi t-talba ta' ragel sabiex missierha jtih ic-certifikat tal-mewt u li missierha r-rikorrent qallu li ser jimpustah id-dar ta' ommu halli jkunu jistghu johduh l-intimati. X'hin waslu hdejn il- knisja il-qassis staqsihom biex jaqraw u x'ha jaqraw. Tghid li fil- pront semghet lil Herbert jghajjat min se jaqra? Il-qassis qalilhom li seta' jdahhal it-tieni qari izda xi hadd mill-intimati tghid li qal 'Le le dik ma taqrax ghad dik mhix demmna' u tirreferi ghall-fatt li hija addottata. Dwar l-incident a fol. 37 tixhed kif isegwi:*

*'Imbaghad f'daqqa u il-hin gie Herbert jigri, niftakar lil Herbert jigi lejn missieri. Jien kont qeghda hdejn id-daddy wkoll u ippruvajt nidhol quddiem Herbert biex inwaqqfu ghax din ma kinitx l-ewwel darba li grat sitwazzjoni hekk. Darba minnhom kont waqqafthom u din id-darba ma rnexxilix. Imbaghad niftakar lil Antoine qieghed fuq id-daddy. Id-daddy gie mbuttat u waqa' kwazi rasu mal-kantuniera imma Thank God ma habathiex mal- kantuniera tat-targa. U niftakar hafna nies qed jippruvaw jigbdu lil Antoine minn fuq id-daddy pero' kollox ghalxejn.'*

*Tghid li Antoine beda jaghti lir-rikorrent imma ma tafx kif ghaliex hi kienet qed tigbed lil Antoine mic-cunturin u x'hin ceda hi waqghet. Mbaghad il-partner ta' Herbert qaltilha biex tersaq ghax kienu ser iweggawha. Dan kollu gara' fir-rampa ta' quddiem il- knisja. Skont din ix-xhud in-nanna fit-tebut fil-hearse hdejhom u l-intimati jaghtu lil misserha. Izzid li fl-ahhar irnexxielhom jaqilghu lil Antoine minn fuq missierha u tiftakar lil missierha jghid li Herbert kien tah daqqa ta' sieq. Missierha ma setax iqum bilwieqfa u ghenitu ommha jpoggi fuq cint. Mistoqsija mill-Qorti fejn kien Herbert waqt li Antoine kien fuq missierha tghid li hi ratu biss x'hin hebb ghalih imbaghad rat lil Antoine fuq missierha. Ommha u missierha marru bl-Ambulanza u hi baqghet ghall-funeral. Ma marritx ghad-difna ghaliex bezghet tmur minghajr ommha u misierha.*

*Wara l-incident tghid li missierha r-rikorrent ghadu jgerger li tugghu saqajh u kellu jbiddel il-karozza minn 'manual' ghal 'automatic' ghaliex il-'clutch' ma jistax jaghfsu ghax iebes wisq. Joqghod fuq saqajh ghal hin twil ukoll tugghu. Kemm hi u kemm missierha gew affettwati psikologikament, missierha ghaliex ma attendiex ghall-funeral u hi ghaliex l-incident qed jaffettwha meta jkun hemm bzonn li tattendi funerali ohra. Missierha jiddispjacih u mugugh ghax ma attendiex.*

*A fol. 48 tal-process kriminali anness ukoll tat stqarrija bint ir- rikorrent Marie Debattista. Oltre dak li qalet ukoll fix-xhieda suesposta, tghid li missierha kien irrimarka li fil-funeral ta' missierhom kienet il-'partner' ta' Herbert li qrat u li dik ukoll ma kellhiex x'taqsam mal-familja. F'dak il-hin tghid li Herbert filwaqt li beda jigdem subajh bir-rabja, ta salt lejn missierha. Pruvat twaqqaf lil Herbert izda ma rnexxilhiex u pruvat tmur tghid lil ibnu Andrea sabiex iwaqqaf lill-missieru. Rat lil missierha niezel fl-art u corma nies jippruvaw iwaqqfu lil Antoine milli jibqa' jaghti lil missierha. Hi wkoll marret tipprova tigbed lil Antoine biex taqalghu minn fuq missierha izda dak il-hin tghid li mbuttaha u waqqaghha mal-art. Regghet qamet u kompliet tigbed lil Antoine mic-cinturin. Ftit hin wara Antoine tnehha minn fuq missierha u missierha beda jghajjat b'ugiegh f'siequ, li kisirlu siequ u li ma jistax jattendi l-funeral ta' ommu. Tghid li semghet lil Antoine Debattista jghid li 'Illejla mmur u ntih zewg tiri go rasu' u jhares cass lejn missierha. In-nies ta' madwaru bdew isikktuh.*

*A fol. 169 tal-process kriminali regghet xehdet bint ir-rikorrent. F'din il-parti tax-xhieda taghha tghid li kien Herbert li mar ghal missierha filwaqt li kien qed jigdem idejh stess u Antoine mar warajh. Tghid li kien hemm id-drivers u hi u ommha li kienu qed jipruvaw iferrquhom. Peress li kienet hdejn il-qassis jaraw ghall- qari kien ghalhekk li hi dahlet bejn missierha u Herbert biex izzomm lil Herbert milli jhebb ghall-missierha."*

- **Xhieda tal-attur Carmelo *sive* Charles Debattista:**

*"A fol. 85 xehed permezz ta' affidavit ir-rikorrent Carmelo sive Charles Debattista. Jghid li waqt l-incident fuq iz-zuntier huh lintimat Antoine Debattista tah daqqa fuq il-pala ta' saqajh filwaqt li huh Herbert Debattita tah daqqa ta' sieq fuq rasu. Il-Qorti rat li r-rikorrent f'dan l-affidavit ma jidholx wisq fid-dettal dwar kif sehhet il-glieda izda aktar fuq il-konsegwenzi li soffra kemm fisici u psikologici kif ukoll danni attwali. Rat ukoll l-ircevuti annessi mir-rikorrent esebiti a fol. 87 et seq tal-process.*

*Rat ir-rapport mediku ex-parte ta' Mr. Massimo Abela a fol. 114 et seq tal-process li jikkonkludi kif isegwi:*

*'Mr Charles Debattista suffered grievous injuries to the left foot following a traumatic incident on 02/01/2018. He sustained a dislocation of thee meetatarsophalangeal joint of the second toe and a fracture subluxation of the midfoot (tarso-metatarsal joints). The toe was reduced under local anaesthesia wheras the midfoot injury was managed with a surgical*

*reduction, stabulisation and bone grafting. He continue to complain of paid in the foot and functional limitation during wieght bearing activities.*

*I rate Mr Charles Debattita's level of permanent disability at seven percent (7%).'*

*A fol. 63 et seq tal-process gie esebit ir-rapport tal-Pulizija liema rapport jirrizulta li kien sar b'mod unanimu. Mir-rapport jirrizulta li tista' tghid il-partijiet kollha jaqblu li kien hemm argument bil-kliem bejn ir-rikorrent Carmel Debattista u Herbert Debattista dwar il-qari. Wara li nqala' l-argument bil-kliem il- versjoni tar-rikorrent hi li gew fl-idejn minghajr ma jsemmi ismijiet u jzid li Antoine kien heddu li illeja kien sa jigi ghalih u jtih zewg tiri. L-intimati ghalkemm ikkonfermaw l-argument verbali isostnu li kien Carmel Debattita li mar biex jaqbad lil Herbert, Antoine qabez ghalih u jiftakar lil Carmel jahtfu jtih daqqa ta' ponn u hu beda jiprova jwaqqfu. X'hin qabdu giet il- mara ta' Carmel tigbed fih u Carmel minn mal-art baqa' jaghtih bis-sieq, bil-ponn u b'irkobbtu kif ukoll biz-zarbuna u qallu 'Issa c-cans li noqtlok'. L-intimat Antoine Debattista cahad li hu hedded lir-rikorrent.*

*Rat li fl-atti gew esebiti fi stadju differenti l-inkaratamenti kollha tal-proceduri kriminali mehuda kontra l-intimati f'liema procedura jidher li l-intimati gew liberati mill-akkuzi dwar il- griehi fil-konfront tar-rikorrent. A fol. 44 dawn l-atti jibdew bl-atti ta' akkuza. Rat li l-akkuza fil-konfront tal-intimati harget fuq feriti ta' natura hafifa u mhux gravi. Il-Qorti nnotat ukoll li l-istqarrijiet minghand il-partijiet involuti ngabru mill-pulizija aktar minn xahrejn wara l-incident.*

*Illi sabiex il-Qorti tkun taf il-versjoni tal-fatti kif esposta mir- rikorrent taghmel referenza a fol. 47 tal-atti kriminali fejn tinsab l-istqarrija tar-rikorrent Carmelo Debattista. Huwa jispjega kif l- ostilita' bejn il-partijiet gia kienet tinhass fil-kamra mortwarja. F'hin minnhom fil-fatt il-kommissjonant talbu c-certifikat tal-mewt ghaliex huh Herbert riedu u nfurmah li kien ser jiddepositah fid- dar ta' ommu. Ma waqfitx hemm ghaliex waqt il-korteo cemplet in-Nutar Myriam Spiteri Debono tifrrumah li huh Herbert kien qed jinsisti ghac-certifikat u hu nfurmha bhal qabel li kien ser jiddepositah id-dar ta' ommu. Jghid li fejn il-knisja l-argument inqala fuq min ser jaqra fejn hu nforma l-qassis li kienu ser jaqraw martu u bintu izda Herbert u Antoine insistew li jaqraw il-familjari taghhom ukoll u jghid li kien hemm tghajjira fis-sens li dawk mhux demmna u jghid li bintu hija addottata. Skont ir- rikorrent dak il-hin jghid li hebb ghalih Herbert hataflu n-nuccali u habbtu mal-art u tah daqqa go wiccu. Antoine inqala dak il-hin u beda jghajjat ara ma tmissux u fajjar daqqa ta' ponn go wicc ir- rikorrent. Jghid li Herbert beda jghidlu 'Antoine tmissux, tmissux'. Antoine rega' refa jdejh u mbuttah lura u waqqghu catt mal-art. Kif kien catt Antoine qabez fuq il-pala ta' siequ x-xellugija bil-konsegwenza li zlugalu siequ. Dak il-hin ra lil Herbert gej ghalih u rega' tah daqqa ta' sieq go rasu u kkagunalu whiplash u dan kollox skont ic-certifikati medici ta' zewg sptarijiet. Jghid li x'hin kien mart lil Antoine beda jghidu 'itlaqni, itlaqni'. Jghid li x'hin kien qed jistenna l-Ambulanza*

*sema' lil huh Antoine li kien xi 30 il-pied il-boghod jghid 'Illejla nigi u ntik zewg tiri go rasek' u rega' rrepetiha biex zgur jisimghu.*

*Fl-atti kriminali annessi r-rikorrent xehed a fol. 61 et seq. F'din ix- xhieda wara li jixhed fuq l-argument verbali dwar il-qari jghid li Herbert gidem idejh b'rabja u mar jigri ghalih. Hataflu n-nuccali minn wiccu. Sadanittant inqala' Antoine u tah daqqa ta' ponn go wiccu u mbuttah minn sidru u waqa' mal-art catt ghal dahru. Jiprezenta waqt li jixhed ritratti li skont hu juru l-griehi tieghu. Jghid li Antoine imbuttah minn sidru u waqqaw. Hin minnhom beda jaqbizlu fuq il-pala ta' saqajh konsegwenza li zglugalu it-tieni sebgha u kellu jigi operat. Kif kien mal-art inqala' Herbert u tah daqqa ta' sieq go rasu li kkawzalu whiplash. Jghid li xi hin sema' lill-qassis jghid li jekk ser jibqghu sejrin hekk ser jikkancella l-funeral. Jghid li beda jitlob lil Antoine biex jitilqu u kien hemm diversi nies jippruvaw jaqilghuh minn fuqu izda baqa' jtih. Xi hin in-nies irnexxielhom jigbduh. Jghid li mal-qabza fuq saqajh iz- zarbun tieghu imbezaq minn go saqajh. Jixhed li sema' lil huh Antoine jghid li 'Il-lejla nigi u ntik giex tiri go rasek u noqtlok' u rrepeta l-istess.*

*Ir-rikorrent rega' xehed fl-atti kriminali in kontro-ezami nhar l-4 ta' Dicembru, 2020 a fol. 238 et seq. Ma jaqbilx li l- kumplikazzjonijiet f'saqajh hargu madwar tlett xhur wara izda jghid li mill-ghada kien rega' mar jghidilhom li kien mugugh. Jaqbel li l-griehi tieghu dakinhar tal-incident gew certifikati 'slight' imma skont ic-certifikati tal-Mater Dei 'save complications'. Jghid li t-tabib privat li ccertifikat bi griehi gravi fit-2 ta' Frar, 2018 hu ma kienx jafu qabel u jikkonferma li hallsu hu. Mistoqsi jekk intilifx minn sensieh xi hin waqt il-glied jghid li ma jistax jghid li ntilef minn sensieh izda kien hemm 'qabza fuq sieqi u daqqa ta' sieq go rasi.' Id-daqqa fis-sieq gejja minghand Antoine u d-daqqa ta' sieq f'rasu minn Herbet ghax rah. Mistoqsi direttament jghid li huwa jsuq karozza 'automatic' u wkoll mutur"*

- **Xhieda tal-konvenut, ħu l-attur, Herbert Debattista:**

*"A fol. 59 xehed l-intimat Herbert Debattista fl-atti kriminali. Huwa jixhed li l-animosita' bdiet mill-kamra mortwarja ghaliex ir- rikorrent ma ghamilx it-tebut li kienu ghazlu bejn l-ahwa u wkoll ghaliex ir-rikorrent ghamel 'lipstick' ahmar fuq ommu mejta apparti ritratt fuq sidirha. Jixhed li l-argument fuq iz-zuntier beda meta hu sema' lir-rikorrent jghid li ser jaqraw martu u bintu u hu qallu jekk jaqraw huma jaqraw uliedu wkoll. Ir-rikorrent qallu inthom gia qrajtu f'ta' missieri. Il-Qassis qal li m'hemmx ghalfejn u jekk ser jibqghu bl-argumenti ma jaqra hadd. Dan il- hin kienu fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Fatima ta' Gwardamangia. Jghid li kien hemm madwar 50 persuna. Dwar l-incident jixhed: 'Kif kont ser nersaq lejn il-qassis biex inkellmu, hareg Charles Debattista minn wara l-qassis ghamel hekk biex jahtafni, minflok hataf lil hija Antoine minn wiccu, waqt li kien qieghed jahtfu Charles zelqu f'zewg targiet, hemmhekk it-tarag hu baxx daqshekk, waqa'.'*

*Izid li hu kien ftit il-boghod u hin minnhom xi hadd gibdu lura. Ra lil Charles jigbed lil Antoine u Charles qal lil Antoine "Illum ic- cans li noqtlok lilek." Meta Charles gibed lil Antoine ghal fuq il- mara tieghu Carmen Debattista bdiet tigbed lil Antoine minn wara u ttih bis-sieq u t-tifla tar-rikorrent ukoll tant li nehhiet iz-zarbun. Hu ma soffra l-ebda griehi f'dan l-incident izda huh Antoine mar l-isptar ghax kellu l-grif ma' wiccu. Mistoqsi jekk jafx li r-rikorrent 15 soffra xi griehi jghid li bilfors ghaliex beda jaghti bis-sieq qisu ziemel meta kien dahru mal-art, beda jixxuttja. Dwar il-griehi f'ras ir-rikorrent jghid li ma jafx iwiegeb biex gew.*

*Qabel ix-xhieda tieghu Herbert Debattista kien ukoll ta stqarrija nhar id-9 ta' Marzu, 2018 fol. 36 tal-atti kriminali annessi. Dwar kif sehh l-incident jghid li l-animosita' kienet gia tinhass fil-kamra mortwarja mbaghad jghid: 'Morna l-Knisja fuq iz-zuntier, naf li kellu xi karti f'idejh, dar fuq il-qassis u qallu "dawn in-nies li ha jaqraw fil-quddies, it-tifla u l- mara". Qabez Antoine u qallu li le u jaqra kulhadd. Qabez hu u qal "F'ta missieri qara haddiehor u anke mara barranija kien hemm". Il-Patri Fr. Alex Scerri b'vuci gholja qal "jekk tibqghu sejrin hekk ma jaqra hadd". Imxejt dawk it-3 jew 4 mertri lejn il- qassis biex forsi nsolvi dis-sitwazzjoni u kien hemm hija Antoine mieghi ukoll, hareg Carmelo minn l-qassis biex jipprova jhebb ghalija, ersaqtlu mill-ewwel u minflok sab lili sab lil Antoine. Hatfu minn wiccu, naf li waqqaw fl-art u beda l-argument. Jiena dak il-hin stess xi hadd qabadni, tnejn min nies wiehed l-hemm u wiehed l-hawn, haduni f'rokna u rajt lill-mara ta' Carmelo taqbad lil Antoine minn wara u ttih minn wara fil-fatt cartitlu l-glekk minn fuq s-isfel. Imbaghad waqt li Charles kien wiccu l-fuq fl-art, fuq tarag taz-zuntier ghaliex dawn nwaqaw tara, gibed lil Antoine fuqu u Charles beda jxejjer bis-sieq minn mal-art. Naf li kellu daqqa fuq rasu. Konfuzjoni kbria, lil Charles poggewh fuq ic-cint u beda jghajjat "kissluri sieqi, kissurli sieqi". Jiena ghidtli "Inti ksirtha bid-daqqiet li bdejt taghti". Din damet madwar tlett minuti, erbgha imbaghad gew il-pulizija.'*

*Jichad kategorikament li huwa xi hin mess lir-rikorrent. Jinsisti li kien ir-rikorrent minn mal-art li beda jaghti bis-sieq lil Antoine. Jghid ukoll li fl-ebda hin ma sema' lil Antoine jhedded lir- rikorrent.*

*Fl-atti odjerni Herbert Debattista xehed permezz ta' affidavit a fol. 164 et seq tal-process. Jixhed dwar li ma hax pjacir jara li lill- ommu ghamlulha l-'make-up' u poggewla ritratt A4 fuq sidirha. Ukoll ghalkemm bhala ahwa kienu qablu fuq tebut fil-fatt kien intuza iehor. Jikkonferma li nqala disgwit verbali bejnu u bejn ir- rikorrent dwar min kien ser jaqra izda ghalkemm jghid li r- rikorrent prova jiprovokah billi semma l-partner tieghu huwa ma tax kasu. Dak il-hin il-qassis x'hin ra' li r-rikorrent kien gej bil- battibekki qalilhom li mhu ser jaqra hadd. Hu dar fuq huh Antoine u qallu biex imorru jkellmu l-qassis li jigi minnhom halli jsolvu s-sitwazzjoni. Izid li x'hin hu resaq lejn Antoine biex ikellmu Carmelo mar minn wara l-qassis u mar irrankat ghalih. Hu resaq lura u Carmelo hataf lil Antoine: 'Carmelo hataf lil Antoine minn nuccali, tela' l-ewwel targa taz- zuntier li hija targa baxxa ta' l-irham, Carmelo zelaq u hataf lil Antoine mieghu. Carmelo gie dahru*

*mal-art, u b'siequ beda jaghti go wicc Antoine, peress li kien waqghu ma' l-art, gew kontra xulxin.'*

*Izid li sema' lil Carmelo jghid 'Issa c-cans li nkompli ntik, u noqtlok lilek!.'*

*Jghid li lilu kien u gibduh l'hemm u hu ra x-xena kollha kif grat. Il-mara u bint ir-rikorrent kienu gibdu lil Antoine mill-glekk li kien tqatta' kollu izda r-rikorrent dan ma ressqux bhala prova. Ra wkoll nies iferquhom. Huh Antoine kien mimli dmija u hu tah il- kowt tieghu ghaliex kellu l-glekk tieghu imqatta' u mimli demm. Jiftakar li c-certifikati medici ta' kulhadd kienu ta' griehi ta' natura hafifa izda wara xahar Carmelo produca certifikat mediku bi griehi ta' natura gravi u wara mexxa bil-kawza bic-Civil.*

*Herbert Debattista xehed ukoll nhar it-23 ta' Frar 2021 fl-atti kriminali a fol. 271 et seq. Huwa jammetti li sa mill-kamra mortwarja kien hemm xi affarijiet li ghamel Charles li bdew idejquhom. Dwar x'gara waqt il-battibekk tal-qari jixhed: 'U kif ersaqt jiena u Antoine biex nersqu lejn il-qassis hareg minn wara l-qassis, hareg minn warajh mhux jigifieri dar hekk, kien qieghed magenbu u kif rani gej lili u lil Antoine mexjin flimkien hareg beelinee fuqi u kif ha jtini ersaqt lura u hataf lil Antoine. Hatfu minn nuccali, tela' l-ewwel targa taz-zuntier li huwa tarag baxx tal-irham, jizloq, tela' fuq l-ewwel targa taz-zuntier, marritlu siequ, waqa', hataf lil Antoine mieghu, gie dahru mal-art u b'siequ jaghti, jaghti hekk, jaghti hekk go wicc Antoine ghax kif spjega hija Antoine gew kontra xulxin. . . . u qallu :"Issa c-cans li nkompli ntik u noqtlok lilek'.*

*Jghid li lilu kien hemm xi kollegi tax-xoghol li gibduh fil-genb u hu kien qed jara x-xena tigri. Jghid li kien hemm mart u bint ir- rikorrent jigbduh mill-glekk tant li qacctuhulu u r-rikorrent kompla jtih. Il-kollegi tieghu marru jferrquhom u skontu f'hin minnhom Charles qal 'Xbajt intih b'sieqi u qed tugghani issa sieqi.' X'hin ir-rikorrent qam u pogga fuq cint jghid li kien hemm xi hbieb tar-rikorrent li qalulu li messu jisthi jaghmel hekk fil-funeral ta' ommu. Jichad li huwa qal lin-Nutara ccempel waqt il- korteo. Jinsisti li huh Charles ta d-daqqa ta' ponn lil Antoine u f-istess hin zelaq u x'hin waqaw gew kontra xulxin ghaliex Charles kien aktar elevat. Mistoqsi jekk kellux siequ fuq ras ir-rikorrent filwaqt li kien qed jiprova jferraqhom jghid li ma jafx dak il-hin. Jghid li hu kien fil-genb taghhom fin-nofs. Jichad li ta xi daqqa lir- rikorrent. Jichad li qal xi kliem ta' theddid fil-konfront tar- 18 rikorrent. Jammetti li qal li bint ir-rikorrent hija barranija bhal ma hija barranija l-'partner' tieghu. Jichad li kien qed jigdem idejh dak il-hin.*

*Fl-atti odjern l-intimat Herbert Debattista xehed in kontro-ezami a fol. 287 et seq tal-process. Jghid li ommu fl-ahhar kienet tghix Karen Grech izda qabel bi sforz u ordni tar-rikorrent, kontra l- volonta' taghha kienet tmur torqod ghand ir-rikorrent. Kien johodha d-dar fil-hamsa ta' filghaxija u jitfilha l-mobajl. Jghid li hu u huh Antoine ma kienux kuntenti b'din is-sitwazzjoni. Ma jaqbilx li r-relazzjoni bejn ommu u Charles kienet wahda tajba. Jichad li ghamlu xi zmien ma jkellmux l-ommhom. Ma jaqbilx li kien*

*hemm disgwit dwar flus ta' 'wheelchair' li nxtara ghall-omm. Jghid li d-disgwit beda mill-kamra mortwarja ghaliex sabu lil ommhom bil-'make-up' u b'ritratt kbir fuq sidirha u l- kummissjonanat infurmah li kien Charles li ghamel dak kollu. Jammetti li ma hax pjacir x'hin sab l-ommu f'dik il-kundizzjoni u kien irrabjat. Jikkonferma li hdejn il-knisja kien hemm disgwit fuq il-qari. X'hin sema' lil Charles jghid lill-qassis, li jigi kuginuhom, li ser jaqraw martu u bintu x-xhud jghid li hu minn ftit il-boghod u ghax b'kunfidenza mal-kugin qallu li 'jekk jaqraw huma irridu naqraw ahna wkoll'. Jichad li qal xi kliem li ma riedx lit-tifla tar-rikorrent taqra ghax kienet addottata. X'hin intqal dan il-kliem jghid li l-qassis qalilhom mela ma jaqra hadd u naqra jien. L-intimat jghid li hu qal li hekk mhux sewwa, beda miexi lejn il- qassis flimkien ma' huh Antoine u johrog ir-rikorrent minn wara l-qassis u jxejjer idejh u lilu ma laqtux. Dan kollu inqala x'hin hu kien miexi lejn il-qassis."*

## - Xhieda tal-konvenut, ħu l-attur, Antoine Debattista:

*"Kien hemm il-funeral t'ommi. Imbaghad minn hemmhekk inqala' argument minhabba li l-qassis saqsa min se jaqra u Carmel Debattista ried li taqra t-tifla tieghu. Hija Herbert imbaghad mar ikellem lill-qassis biex jghidu li jaqraw it-tfal wiehed minn ta' wiehed u wiehed minn tal-iehor fejn hemmhekk Carmel Debattista hareg minn wara l-qassis biex jahtaf lil Herbert, sab lili quddiemu, hemmhekk hatafli n-nuccali u kissiruli, gibidni ghal fuqu u waqa' it-tarag taz-zuntier fejn tgerber it-tarag u gibidni ghal fuqu gejt fuq.'*

*Mistqosi x'ra lir-rikorrent Carmel Debattista jaghmel jixhed:*
*'Hareg minn wara l-qassis biex jahtaf lili jew lil Herbert, sab lili quddiem, hatafli n-nuccali, gibidni ghal fuqu u waqa t-tarag fuq genbu, imbaghad gie wiccu 'l fuq, jiena fuqu, Carmen Debattista u Mary Debattista bew jigbduni u jzommuni mill-glekk, spiccajt qattghuli l-glekk u l-qmis u l-qalziet u hatafni u qalli, "issa c-cans li noqtlok kif qieghed hawn fuqi." Beda jaghti bis-sieq b'kemm jiflah.'*

*Mistoqsi fejn wegga' jghid li wegga' wiccu u ghajnejh. Izid li r- rikorrent beda jaghti bis-sieq minn mal-art go wiccu u kien hemm hafna nies li bdew jippruvaw izommuh, kull min jersaq lejh beda jfaqqaghlu bis-sieq u f'hin minnhom sema' lir-rikorrent jghid ajma u li kien wegga' saqajh u ma jiflahx jaghti aktar. Izid li baqa' jbaghti b'ghajnejh wara l-incident.*

*Fl-atti kriminali giet esebita wkoll stqarrija tal-intimat Antoine Debattista a fol. 39 tal-atti annessi. Dwar il-glieda huwa stqarr kif isegwi: '*
*Dakinhar kien il-funeral t'ommi, wasalna fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Fatima, u Carmelo inqalalu xi argument ma hija l-iehor fuq min ser jaqra fil-quddies u hija l-iehor qallu "le, mhux sewwa ha 20 taqra l-mara jew it-tifla tieghek". Qallu sabiex jaqraw wiehed mit-tfal ta wiehed u wiehed mit-tfal ta' l-iehor. Kif qallu hekk Carmelo rvilla u beda jargumenta. Sadanittant hadd ma kellmu u hija Herbert beda jersaq lejn il-qassis biex ikellmu u jghidlu li ser jaqraw wiehed minn tieghu u wiehed min ta' l-iehor.*

*Sadanittant jien kont wara Herbert, kif Herbert ha jitkellem mal-qassis, Carmelo resaq lejn Herbert biex jaggredieh. Herbert hareg min nofs u sab lili. Carmelo hatafli n–nuccali tax-xemx minn ghajnejja, b'idu l-ohra ghamilli subajh f'ghajnejja, jien bdejt nghidlu "missek tisthi ha taqla argument bhalissa f'dan il-mument". Kif spiccat dil- kelma, giet il-amra tieghu ta' Carmelo, Carmen gibditni mill-glekk u bdiet izzomni u ttini minn wara u l-glekk tqatta bicciet, Carmelo tani daqqa ta' ponn f'wicci. Dak il-hin jien waqajt ma l-art u minn dak il-hin l-hemm qlajt xeba bis-sieq minn ghandu go rasi. Qed nurik 3 ritratti tal-griehi li soffrejt u tista' tara d-demm minn naha tax-xellug ta' miniehri u dmija fuq il-qmis. Jidru cari d-daqqiet bis-sieq fuq wicci bil-forma taz-zarbuna u tidher ukoll id-daqqa ta' ponn li qlajt fuq ghajni x-xellugija li biha waqajt ma l-art. Jien nahseb li ntlift minn sensija meta qlajt daqqa ta' sieq fuq ghajnejja tan-naha tal-lemin. Qlajt diversi daqqiet fuq rasi, ma nax ezatt dak il-hin. Jekk kellu jinqala argument zgur mhux f'dik il-gurnata.*

*Qabel ma ntlift minn sensija u Carmen kienet izzomni, smajtu jghidli "ejja l-hawn, issa c-cans li noqtlok, ma nibzax minnkom". Minn dak il-hin l'hemm ma niftakarx aktar hlief meta gejt f'sensija, sibt ruhi f'rokna taz-zuntier il-boghod, bdew jimshuli wicci u hekk, u kif gejt f'sensija jien staqsejt ghall prezenza tal-pulizija, ma rajtx li kien hemm il-pulizija u dak il-hin jien qbadt il-mobile tieghi, cempilt 112, tlabt ghall-assitenza tal-pulizija u ambulanza.'*

*Jinsisti li l-argument bdieh Carmelo ma' Herbert. Jichad li hedded lir-rikorrent li kien ser imur itih zewg tiri. Ma jafx kif ir-rikorrent garrab il-griehi f'saqajh ghalkemm jassumi li bid-daqqiet li tah b'siequ r-rikorrent lill-intimat. Jichad li hu jew Herbert kienu l- konsegwenza tal-ksur li r-rikorrent soffra f'saqajh u jichad li hu xi hin mess lil mart ir-rikorrent.*

*L-intimat Antoine Debattista jixhed fl-atti odjerni a fol. 201 et seq tal-process. Bhal huh l-intimat l-iehor jghid li fil-kamra mortwarja kien ha xokk ghaliex ra lil ommu bil-'make-up' u kienu qalulhom li dan kien ghamlu huhom Carmelo. Ukoll ma kienx gie uzat it-tebut li suppost kienu ghazlu l-ahwa bejniethom. Jikkonferma l- argument verbali li nqala' bejn Carmelo u Herbert ghaliex Carmelo qal lill-qassis (li jigi kugin taghhom) li kienu ser jaqraw il-mara u t-tifla tieghu u Herbert qal li hu kellu tfal ukoll. Il-qassis x'hin sema' hekk qalilhom li ma hu ser jaqra hadd. Hu u Herbert marru iddecidew li jkellmu lill-qassis biex jipruvaw isolvu s- sitwazzjoni. Huma u mexjin lejn il-qassis jara lil Carmelo sejjer irrankat ghal Herbert. Hu prova jevita l-glied u dahal bejniethom. Izid li Carmelo hatfu minn nuccali li kellu f'wiccu u tela' l-ewwel targa taz-zuntier u dak il-hin ra lil Carmelo jaqa' mal-art u gibdu mieghu. Kif waqa' Carmelo gie dahru mal-art u b'siequ beda jaghti lil Antoine go wiccu. Carmelo qallu wkoll 'Issa c-cans li nkompli ntik, u noqtok lilek!'. Carmelo baqa' jtih b'saqajh u hu fil- posizzjoni li kien baqa jaqla' d-daqqiet minn ghandu u ma setax jiccaqlaq. Fl-atti jiprezenta sett ritratti tal-griehi li soffra. Bhal Herbert jghid li c-certifikati medici kienu kollha hargu li soffrew griehu hfief izda Carmelo kien ipproduca certifikat li jiccertifika griehi ta' natur grava biss xahar wara u mexxa bil-kawza odjerna.*

*Il-Qorti rat ir-ritratti a fol. 203 li juru tbengil u grif fuq wicc l-intimat Antoine Debattista partikolarment madwar ghajnejh, fuq imniehru u mohhu. Rat ukoll dmija fuq il-qmis.*

*L-intimat Antoine Debattista xehed ukoll fl-atti kriminali ta' kontra tieghu a fol. 251 tal-process anness. Dwar x'gara wara d- disgwit bil-kliem fuq il-qari bejn Herbert, Charles u l-qassis jixhed kif isegwi:*

*'U mbaghad Herbert mar biex ikellem lill-qassis biex jaraw x'inhuma l-affarijiet, fid-daqqa u l-hin hareg Charles sfrenat ghal fuqu, sab lili fin-nofs, hareg minn wara l-qassis jigifieri . . . ried imur ghal Herbert ghax sema lil Herbert jghidlu: Le, din id-darba t-tfal tieghu ha jaqraw. U hareb b'kemm jimxi ghal fuqu sab lili fin-nofs tani daqqa ta' ponn, kissirli n-nuccali f'ghajnejja, go wicci, ta' dawn jien ghandi r-ritratti . . . Waqqghani mal-art hu nizel fuqi jtini bis-sieq go wicci. Ir-ritratti kull wiehed jidher il-marki cari taz-zarbun u d-daqqiet li beda jtini hu f'hin minnhom kien ghal dahru mal-art u d-daqqiet minnm al-art bil-paa ta' siequ bil- kontro, jigifieri l-pala kienet qed titghawweg hekk bid-daqqiet kif beda jitni go wicci. . . dak il-hin kont mal-art. Kien hemm Marie u Carmen jgebduni mill-glekk.'*

*Mistoqsi x'posizzjoni kienu biex beda jtih b'saqajh ma' wiccu mill- Qorti jghid li Charles kien dahlu mal-art u hu fuqu jzommuh Carmen u Marie. Izid li ma setghax iqum ghaliex bdew izommuh Carmen u Marie mill-glekk u Charles qallu 'issa c-cans li qbadtek, illum ic-cans li noqtlok.'*

*Mistoqsi kif spiccaw f'dik il-posizzjoni jghid:*

*'hu hareg bil-girja minn wara l-qassis biex ihebb ghal Herbert, sab lili tani daqqa ta' ponn u jien mal-ewwel inzilt mal-art, kissirli n- nuccali f'wicci, kelli xi demm hiereg minn wicci . . . u mbagahd qabsu fuqi, bdew izommuni u hu jtini. Jien ma stajtx niccaqlaq. Dwar il-griehi jghid li dewwewh imma xtaq jibqa' ghall-funeral ta' ommu u mar wara. Fuq imniehru kellu l-punti.*

*Jghid li l-intimat Herbert Debattista beda jiprova jifridhom mbaghad sema' lis-siehba ta' Herbert, Patricia, tghid lil bint ir- rikorrent odjern biex ma tibqax f'nofshom ghax iweggawha u qaltilha x'qed taghmel hafja u Marie rrispondiet 'Nehhejt iz- zarbun ha nkun nista' nigri u naghti'.*

*Fl-atti kriminali jiprezenta ritratti li ttiehdulu waqt li kien fuq iz- zuntier dakinhar stess. Ittiehdu qisom xi saghtejn wara, qabel ma mar l-isptar.*

*Jikjarifika li hu u Charles waqghu flimkien imma mbaghad ma setax jiccaqlaq ghax kellu li Carmen u Marie izommuh minn wara mill-glekk li qattawulu. Charles tah diversi daqqiet ta' sieq u f'hin minnhom Charles qal ' Ma niflahx intih iktar. Weggajt saqajja daqs kemm tajtu'.*

*Dwar l-argument tal-qari jichad li kien Herbert li semma li ma jridx it-tifla ta' Charles addottata tixhed ghax mhux demmhom u jikkonferma li l-*

*kliem gie minn naha ta' Charles li qal li l-ahhar darba qraw il-barranin.*

*Il-Qorti rat ir-ritratti esebiti mill-intimat fl-atti kriminali u rat li fir- ritratt a fol. 271 jidhru marki ta' zarbun fuq il-qmis ma sider l-intimat Antoine Debattista.*

*L-intimat Antoine Debattista xehed ukoll in kontro-ezami a fol. 300 et seq tal-process odjern. Jghid li fil-kamra mortwarja l– kwistjoni tal-'make-up' mhux lil Herbert biss dejqet izda dejqet ukoll lilu. Ma setghu jaghmlu xejn dak il-hin ghax kien diga sar. Kien il-kummissjonant li qalilhom li kien ir-rikorrent li ghamlu. Jaqbel li kien hdejn Herbert x'hin bdew mexjin lejn il-qassis biex ikellmuh fuq il-qari. Jghid li hu ma kkontribwixxiex fil-battibekk dwar il-qari. Jghid li mhux ma kellux problema dwar min jaqra imma halla lil Herbert jirraguna mal-qassis. Herbert kien qed jiprova jilhaq kompromess. Herbert beda jinsisti li l-qari kellu jinqasam u l-qassis qal li ser jaqra hu. Jghid li f'dak il-hin Charles gholla lehnu u hareg kemm jimxi ghal Herbert, Herbert resaq u sab lilu:*

*'Hatafli in-nuccali minn wicci u ta daqqa ta' ponn. Imbaghad gibidni ghal fuqu, ghax waqa', tgerfex f'targa hu . . . u mbaghad kien hemm il-mara tieghu u t-tifla tieghu igebduni mill-glekk li spiccaq qattaw il-glekk u l-qmis. . . Biex isawtuni . . . Kien hemm it-tifla ta' Charles nehhiet iz-zarbun. Meta saqsewha ghalfejn qed tnehhi iz-zarbun, qaltilhom ha nkun nista' nigri ha naghti, ha nsawwathom.'*

*Mistoqsi fejn kien dak il-hin jghid li kien fuq Charles mal-art, jaqla' bis-sieq u jiddeskrivi kif kien qed jaqla go wiccu. Kien qed jaqla' u ma setax jiccaqlaq. Beda jisma' hafna affarijiet dak il-hin. Jghid li b'irkopptejhom bdewi izommuh biex ma jqumx u r- rikorrent itih:*

*'Bdew igebduni mill-glekk imbaghad bdew jafsuni 'l isfel biex ikun jista' jtini.'*

*Izid li fil-glieda inkisirlu n-nuccali. Jghid li kellu daqqa f'ghajnejh, ghamel zmien ma jistax jara minnha sewwa ghaliex beda jara qisu cpar u kien imur ghal 'follow ups' l-isptar. Jaqbel li dawn il- griehi kienu gew klassifikati bhala griehi hfief."*

- **Xhieda ta' Alfred Farrugia, preżenti għall-funeral**

*"Rat ix-xhieda ta' Alfred Farrugia a fol. 211 et seq tal-process. Jixhed li kien prezenti ghall-funeral ghaliex kienet omm habib u kollega tieghu. Jghid li f'hin minnhom ra l-qassis jistaqsi dwar xi qari u nqalghet kommossjoni. Ra lil xi hadd 'jxejjer idu, jimbotta, jxejjer idu, u rajt lis-Sinjur, li jigi hu Herbert, nizel mal-art.'*

*Mistoqsi ghal min qed jirrereri jaghraf lil Antoine Debattista u jghid li Antoine waqa' ghaliex xi hadd gibdu. Mistoqsi min kien qed ixejjer idu jaghraf lir-rikorrent Carmel Debattista fl-awla. Ra lil Carmel Debattista*

*johrog idejh minn wara l-qassis. Ra lil Antoine u Carmel Debattista jaqghu, ingibdu. Jghid li kien Carmel Debattista li gibed lill-Antoine mieghu u waqghu mal-art. Wara ra lil Carmel ifajjar siequ lejn Antoine li kien fuqu. Mistoqsi jekk rax lil Herbert Debattista jghid li l-ewwel rah fil-gemgha izda mbaghad ma rahx aktar, ghajnejh marru fuq dawk li kienu mal-art. Jghid li Herbert warrab, la rah jaghti u lanqas jaqla. Izid li l-kollega u l-habib tieghu huwa l-intimat Herbert. Jikkonferma li waqt il-kommossjoni sema' lil Herbert jghid 'Ahna rridu naqraw ukoll' u f'daqqa wahda ra l-kommossjoni. Jghid li mal-qassis mhux jitkellmu kienu, 'ghajjat kien hemm'. Jichad izda li meta qal il-kliem dwar il-qari li Herbert kien qed jghajjat izda bizzejjed biex jisimghu il-qassis. Waqt li Charles kien qed ixejjer siequ Antoine kien qed jiprova jqum minn fuq Charles. Kien hemm id-distanza bejn wicchom ghaliex Antoine."*

## - Xhieda ta' Renzo Persiano, preżenti għall-funeral

*"A fol. 222 tal-process xehed Renzo Persiano. Jghid li dak inhar tal-funeral hareg il-qassis jistaqsi min ser jaqra u l-partijiet kollha resqu lejh. F'daqqa wahda jghid li nqala battibekk bejniethom fuq il-qari fuq min ma riedux li jaqra. Jghid li f'daqqa wahda dahlu go xulxin. Carmelo Debattista xejjer daqqa ta' ponn lil Herbert izda laqat lil Antoine. Jghid li hu jaf biss lil Antoine mill-partijiet. Izid li mbaghad ir-rikorrent gibed lil Antoine u Antoine waqa' fuqu. Hu mar iferraq imma mbuttawh mal-art u laqtulu wiccu. Jghid li r-rikorrent beda jxejjer bis-sieq u beda jolqot lil Antoine Debattista f'wiccu. Dan meta kienu mal-art fit-tarag. Antoine beda jiprova jqum imma n-nies bdew jimbuttaw, nisa kulhadd jigbed lil tieghu. Antoine spicca fuq Carmel ghaliex Carmel gibdu biex ma jaqax u gibdu fuqu, dan ghax waqa lura fit-tarag. Ghall-ewwel ma gibdux apposta imma mbaghad Carmel beda jxejjer bis-sieq go wicc Antoine u dan dam ftit sekondi. X'hin dan ix-xhud stess waqa' u sab id-demm hiereg minn mohhu warrab l'hemm u kulhadd infired. Mistoqsi mill-Qorti fejn kien Herbert Debattista tul dan l-incident jghid li kien resaq izjed l'hemm lejn il-karozzi. Jghid ukoll li hu mar il-funeral ghaliex kien jaf lil Antoine Debattista' ghaliex il-mara tieghu tigi t-tifla ta' ohtu.*

*In kontro-ezami jghid li waqt il-battibekk tal-qari l-ilhna bdew joghlew. Il-partijiet waqt dan il-battibekk kienu quddiem il-qassis. Meta Carmel gibed lill-Antoine ghaliex tal-ewwel kien ser jaqa' il- posizzjoni li spiccaw fiha kienet ta' Antoine fuq Carmel, wicc ma wicc. Jghid li meta Carmel beda jaghti f'wicc Antoine b'siequ dan kien x'hin Antoine beda jiprova jqum u jghid lil wiehed ma jridx jinsa li kulhadd beda jigbidhom l'hawn u l'hemm. Biex jiprova jqum, Antoine beda jimbotta fuq sider Charles, bniedem wiccu l-isfel qed jipprova jqum. Antoine beda jimbotta biex iqum u jaghti biex jiddefendi ruhu ghaliex wiccu kien kollu demm. Jichad li sema' lil Antoine jghid xi kliem fis-sens li kien ser imur isib lil Carmel u jtih tir go rasu u joqtlu. Jaf li x'hin kienu fuq xulxin Carmel beda jghajjat imma ma jafx x'beda jghajjat. Ikkonkluda li Carmel hareg il-ponn l-ewwel ghal Herbert u mhux ghal Antoine ghaliex Herbert kien quddiemu, Herbert zgicca u laqat lil Antoine. Hu ma segwiex aktar wara li firduhom ghaliex*

*kien qed idewwi d-demm li kellu hu. Jghid li x'hin beda l-argument tat-tarag il- qassis kienu fuq it-tarag ta' tlett targiet u l-partijiet kienu l-isfel taht dawn it-tlett targiet.*

*Rat li fil-process kriminali xehdet ukoll Louise Fisher is-siehba ta' bint ir-rikorrent. Tghid li ma tifhimx bil-Malti imma taf li nqala' argument fuq il-qari. Hin minnhom semghet lil Herbert Debattista jghid 'Le Le Le' u resaq jigdem geddumu lejn ir- rikorrent u martu li kienu qed jaraw il-qari mal-qassis. Imma xi hadd imbottah lura u rega' kien hemm il-kalma. Ir-rikorrent baqa' jara l-ktieb u rega' nstema Herbert jghid 'le le le' u mar Antoine li ghaggel aktar minnu. F'daqqa wahda rat il-familjari kollha go xulxin, fittxet lis-siehba taghha li sabitha mal-art u gibditha l-barra u x'hin harset rat lir-rikorrent bid-demm hiereg minn mohhu. Hi u s-siehba dahlu ghall-funeral izda r-rikorrent ittiehed l-isptar. Aktar tard haduh lura d-dar u kien f'wheel chair u kellhom jghinuh. Tghid li ma rat lil hadd jaghti l-hadd izda rat lil kulhadd go xulxin, basikament il-familji tal-partijiet."*

**- Xhieda ta' Father Alex Scerri, ċelebrant tal-funeral u kuġin tal-partijiet**

*"A fol. 130 tal-atti kriminali annessi xehed Father Alex Scerri li jghid mill-ewwel li l-persuni involuti jigu minnu. It-tlieta li huma kollha kugini tieghu. Kien ser imexxi il-funeral ta' ommhom. Kienu qed jiddiskutu l-qari imma ma jiftakarx ma' min. Jaf li f'hin minnhom inqalghet kommossjoni u ra hafna nies jigru u l-kummissjonant qallu li ahjar jidhlu gewwa jistenna biex jara hux ser isir il-funeral. Jaf li xi hadd mar l-isptar imma l-funeral sar u bhala qari ghamel kollox hu ghalkemm kien ferm ecitat minhabba dak li kien gara. Jghid li x'hin kien qieghed rasu l-isfel jara l-qari ma' Carmen Debattista minn warajh inqala' il-glied bejn in-nies. Il-glied kien bejn it-tlett ahwa bejniethom. Ghall-ewwel rahom jilletikaw bil-kliem imbaghad ra lil Antoine u lil Charles bid- demm. Mistoqsi jekk fil-hin li kien hemm Carmen hdejh kien hemmx ukoll Charles jghid li ma jidhirlux. Hu ma rax kif wegghu ghaliex hu lahaq dahal gewwa. Bhala diskors sema' biss li ried kulhadd jaqra' mbaghad spicca jaqra kollox hu.*

**- Xhieda ta' Alfred Demanuele, persuna responsabbli mill-funeral**

*"A fol.162 tal-process kriminali xehed Alfred Demanuele li kien il- persuna responsabbli mill-funeral (undertaker). Huwa jghid li ma jafx x'kien gara' ghaliex hu kien dahal fil-knisja qabel u x'hin hareg sab il-glieda ghaddejja, giggifogu ta' nies u kulhadd iferraq. Ma jafx jghid kemm damet il-glieda."*

**- Xhieda ta' Catherine Tabone, preżenti għall-funeral**

*"A fol. 280 tal-process civili xehdet ukoll Catherine Tabone. Tghid li kienet prezenti ghall-funeral ghaliex taf lil Herbert Debattista. X'hin kienu fuq it-tarag bdiet tisma' l-ilhna joghlew dwar xi kwistjoni ta' qari u semghet il-kliem dwar li*

*kienu ser jaqraw xi barranin. F'daqqa wahda tara lir-rikorrent jaghti s-salt u jolqot lil Antoine Debattista u tahseb li bil-'momentum' waqghu fuq xulxin, b'Antoine spicca fuq. Tghid li bdew jaghtu bis-sieq u tiftakar li Antoine Debattista kellu wiccu kollu demm. Charles Debattista beda jaghti bis-sieq lil Antoine Debattista. Beda jtih fuq diversi postijiet imma fuq wiccu kellu d-demm. Tiftakar li Charles Debattista dak il-hin lil Antoine Debattista qallu li 'fl-ahhar tini cans li noqtlok', tghid li din tiftakarha ghaliex keshet x'hin semghetu. Wara Charles Debattista qallu 'tant tajtek li weggajt sieqi'. Tiftakar dan il-kliem ghax kien qieghed jghajjat. Skont din ix-xhud Herbert Debattista dak il-hin kien fil-vicinanzi imma ma kienx qed jaghti. In kontro-ezami tghid li Charles kien mal-art u Antoine in parti fuqu u Charles beda jaghti bis-sieq lil Antoine. Beda jgholli rkupptejh b'dana li x'hin Charles beda jgholli siequ beda jolqot lil Antoine f'wiccu.*

*Il-Qorti rat a fol. 66 et seq tal-atti kriminali u fol. 247 et seq id- decizjoni tal-Qorti ta' Gudikatura Kiminali datata 31 ta' Jannar, 2022 moghtija fil-konfront tal-intimati, fejn wara li dik il-Qorti esprimiet dubji dwar il-veracita' tal-versjoni moghtija mir- rikorrenti u wkoll dubju dwar jekk id-debilita' tar-rikorrent kif certifikata kinitx rizultat tal-incident in kwistjoni jew sehhitx wara, lliberat lill-intimati odjerni mill-akkuzi abbai ta' nuqqas ta' provi, ghajr ghal dik dwar il-ksur tal-paci pubblika. Nonostante din il- Qorti tirrileva li din id-decizjoni ma ghandha l-ebda sahha fuq id- decizjoni tal-Qorti odjerna fil-kaz odjern stante li l-grad tal-prova fil-kamp Civili hija anqas minn dik tal-kriminal, cioe' l-grad tal- probabbli, filwaqt li dawn huma proceduri kompletament separati minn xulxin ghal dak li huwa gudizzju finali.*

*Mill-atti tal-kumpilazzjoni l-Qorti rat li rrizulta li l-Pulizija gew infurmati li l-griehi tar-rikorrent kienu gravi madwar xahar wara r-rapport stante li r-rikorrent ipproduca certifikat li l-griehi tieghu kienu hfief precedentement."*

## - Xhieda ta' Esperti Mediċi

*"Illi ghal dawk li huma griehi allegatament sofferti il-Qorti rat li a fol. 153 tal-process kriminali xehed **Mr Mark Portelli** kirurgu ortopediku dwar l-operazzjoni li saret fuq ir-rikorrent. Jghid li l- 'injury' sehhet fit-2 ta' Jannar, 2018 u kellu 'lisfranc fracture dislocation' li tfisser ksur serju tal-parti tan-nofs ta' sieq li hija parti kurcjali tas-sieq fejn hemm gogi importanti u jghinu biex wiehed jaghmel il-'push off' biex jimxi. Jghid li din l-'injury' sehh b'zewg modi jew b'xi oggett daqqa diretta u t-tieni jkollok is-sieq fixed mal-art u jkjun hemm 'pivoting injury' jigifieri l-qasba ddur 'on the foot'. Indunaw li kellu bzon jaghmel l-operazzjoni fis-6 ta' Frar, 2018 meta raw l-x ray.*

*A fol. 179 et seq tal-process kriminali xehed **Mr Ryan Giordmaina** dwar l-x rays li huwa kien ha ta' sieq ir-rikorrent f'xi granet f'Jannar, 2018. Jghid li l-griehi kienu gravi. Rah l-ewwel darba fit-12 ta' Jannar, 2018 wara li gie riferut lilu.*

*A fol. 185 et seq tal-atti kriminali xehed **Dr Michael Spiteri** li nvista lir-rikorrent fl-emergenza dak in-nhar tal-incident. Apparti griehi zghar fir-ras u fl-ispalla jghid li kellu zlugazzjoni tal-'left second toe'. Kien gie certifikat bi griehi 'sligh save complications'. Jiddeskriviha bhala 'injury relattivament zghira' u hija kompatibbli ma' 'blunt trauma'.*

*A fol. 205 et seq tal-process xehed l-espert nominat mill-Qorti tal- Magistrati Mr.*

*Frederick Zammit Maempel fejn fl-aktar parti rilevanti jiddeskrivi l-'injury' f'saqajn ir-rikorrent kif isegwi:*

*'Ahna maghmulin b'saqajn ghandu arkata . . . dik l-arkata hija iffurmata minn forsi hames ghadmiet li ghandhom forma ta' logg- wedge shaped. Issa jekk inti tirfes fuha dik b'certu sahha, tikser l- ghadma u l-ligament, ic-cintorini li jorbtu l-ghadma iccarrathom Issa dana ma deherx fuq l xray ta' meta dahal l-isptar Mater Dei pero baqa jilmenta minn ugiegh minn kif spjegali hu, ghax jien ma rajtux hlief ghall dar-rapport, baqa jilmenta minn ugiegh u nefha, u eventwalment il-konsulent li rah, ghand ikun kien rah; hemm mitktub; kien rah il-Capua ghandikun, ordna CT scan u dak wera ezattament il-problema x'kienet, u bhala rizultat ta din id-dijanjozi imbaghad iddeciew li kellu bzonnn operazzjoni cooe issaldjawlu l- ghadam biex dan ma jibqax jugaw.'*

*Dan l-espert mediku fir-rapport tieghu fl-atti kriminali jaghti disabilita' permanenti ta' 7%.*

*A fol. 215 tal-atti kriminali jixhed* ***Dr Anthony Buttigieg*** *li jghid li f'Mater Dei nhar it-3 ta' Jannar, 2018 huwa kien ha l-x rays tar- rikorrent mill-liema x rays ma deher xejn partikolari w'ghalhekk immarka l-griehi bhala 'slight'.*

*Xehed ukoll fl-atti kriminali a fol. 218* ***Dr David Cauchi*** *li kien invista lil-intimat Antoine Debattista u jghid li kien sablu hmura madwar u gewwa ghajnejh u klassifika dawn il-griehi bhala hfief.*

*A fol. 226 tal-atti kriminali jinsab affidavit ta'* ***Dr Paul Scarrow*** *li ezamina l-griehi ta' bint ir-rikorrent li kienet qed tgerger b'ugiegh fil-parti ta' isfel fid-dahar u kalssifikhom bhala 'slight'.*

*A fol. 227 affidavit iehor ta'* ***Dr Paul Scarrow*** *li ezamina lill-intimat Antoine Debattista li jghid li kkonstata 'small laceration left bridge of nose and small graze on the right side from his classes' u li dawn giew klassifikati bhala 'slight'.*

*Rat ir-rapport tal-espert tal-psikjatrija* ***Dr. Joseph Cassar*** *a fol. 132 et seq tal-process li jikkonkludi li r-rikorrent fil-prezent qed isofri minn ansjeta' u nevrozi trawmatika (PTSD) b'rata ta' disabilita' ta' 8%.*

*Rat ir-rapport tal-espert mediku* ***Mr Carmel Sciberras*** *a fol. 151 et seq tal-process li kkonkluda li sieq ir-rikorrent qatt ma hi ser tigi lura ghan-normal u dejjem s er tibqa xi ftit iebsa u wkoll ghall- ugiegh fir-rih isfel. Dan l-espert jaghti persentagg ta' disabilita' ta' 6%."*

13. Allegat mal-proċess tal-kawża odjerna hemm ukoll kopja tal-kumpilazzjoni 174 tal-2018 b'akkużi li nħarġu kontra Antoine Debattista u Herbert Debattista u d-deċiżjoni li lliberat lill-konvenuti fuq nuqqas ta' prova iżda mmultathom talli kisru l-paċi pubblika.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

14. **L-attur *qua* appellant**, jilmenta li jħossu aggravat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u dan għaliex ma jaqbilx mill-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti għaliex ma kkunsidratx min kien qed jgħid il-verità, tat piż għall-ammont ta' xhieda mressqa minn kull naħa minflok għall-kontenut tax-xhieda tagħhom, u ngħata piż anqas minn dak meritat lil-loġika taċ-ċirkostanzi u lill-kredibbiltà tal-verżjonijiet differenti mogħtija.

15. L-attur jargumenta li għalkemm huwa minnu li tradizzjonalment fl-istadju appellatorju l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti, il-Qorti tal-Appell xorta waħda għandha d-diskrezzjoni li tagħmel dan, u dan sabiex jiġu evitati inġustizzji. Jargumenta li fil-każ odjern jeżistu l-estremitajiet sabiex isir riapprezzament tal-provi.

16. Jisħaq li l-Ewwel Qorti qieset li l-attur ma pprovax il-każ tiegħu u kkonkludiet li kien l-attur stess li dawwar l-argument verbali għal wieħed fiżiku.

17. Jargumenta li l-argumenti mal-konvenuti ma bdew minn imkien, u li l-frustrazzjoni tal-konvenut Herbert Debattista bdiet meta ra l-irtokk li kellha omm il-partijiet waqt li kienet fil-kamra mortwarja u r-ritratt impoġġi fuqha. Kien Herbert Debattista stess li xehed li d-diżgwid beda mill-kamra

mortwarja u li l-mod kif sarilha l-irtokk ġiet tidher qisha *bar maid* u li l-kummissjonant informah li kien l-attur li għamillha l-irtokk il-lejla ta' qabel u li dak il-ħin ma seta' jagħmel xejn għalkemm kien irrabjat.

18. L-attur jargumenta li meta Herbert Debattista ta x-xhieda tiegħu hu beda jitmasħan ħafna u fix-xhieda ta' wara, Antoine Debattista, li kien preżenti fl-awla peress li hu parti, prova jmewwet il-kwistjoni tal-irtokk, l-attur jargumenta għaliex kien ra lil ħuh jirrabja waqt ix-xhieda tiegħu. Jargumenta li l-konvenuti kellhom problema wkoll fuq l-għażla tat-tebut għaliex skont il-konvenut ma kienx dak li għażlu flimkien iżda ma qalux li l-attur prova jakkomoda lill-konvenuti bid-data tal-funeral. Wara dan kollu, l-partijiet jaslu fuq iz-zuntier, sabu lill-attur jitkellem mal-qassis Father Alex Scerri rigward il-qari li kienu ser jaqraw mart u bint l-attur. Jgħid ix-xrara li bdiet fil-kamra mortwarja inbidlet f'ħuġġieġa fuq iz-zuntier.

19. Jargumenta li l-konvenuti qalu l-kliem li bint l-attur ma kellhiex taqra għax barranija (għaliex addottata). Li Herbert Debattista kien xehed li b'leħen li jwassal fuq iz-zuntier, peress li kellu kunfidenza mal-qassis, kien qal li jekk jaqraw mart u bint l-attur kellhom jaqraw huma wkoll.

20. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma kinitx ikkunsidrat li skont il-loġika ta' kif ġraw il-fatti ma kellux ikun l-attur li jibda l-argument u dan għaliex kienet diġà għaddiet tal-attur darbtejn (minħabba l-irtokk u l-għażla tat-tebut) u b'hekk ma kinitx ser tgħaddi t-tielet darba fir-rigward tal-qari. Li fis-

sentenza tal-Ewwel Qorti ma hemm xejn fir-rigward tal-loġika ta' kif seħħew iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Minflok l-Ewwel Qorti ffukat fuq kemm ġabu xhieda l-partijiet u mhux ibbażata fuq il-kredibbiltà u l-konsistenza u l-loġika tal-verżjonijiet. Li l-proċess ġudizzjarju mhuwiex logħba tan-numri iżda sistema ta' *fact-finding* u li jekk parti tressaq xhud wieħed li jgħid il-verità u parti oħra ttella' għoxrin xhud li jigdbu ma jfissirx li allura min ressaq l-akbar ammont ta' xhieda jingħata raġun. It-test li tagħmel l-Ewwel Qorti għandu jkun wieħed ta' loġika ċirkostanzjali u ta' verosimiljanza speċjalment fejn f'kawża bħal din teżisti familjarità, opinjonijiet, u predispożizzjonijiet u kurrenti għaddejja fl-isfond.

21. Li l-loġika tgħidlek li min għaddiet tiegħu tliet darbiet f'perjodu qasir, ma għandu l-ebda skop jinizzja ġlieda iżda huwa dak li tiegħu ma għaddietx u li huwa rrabjat li għandu kull motivazzjoni jaqla' ġlieda. Li l-aggressjoni tiżvela ruħha wara li xi ħaġa tmur kontra r-rieda tal-aggressur u mhux għax l-aggressur ikun ħa li ried.

22. Li jekk wieħed jitlaq mill-punt ażjomatiku li l-konvenuti waslu fuq iz-zuntier mimlija rabja, u sabu lill-attur bil-karta f'idu, lest għall-qari, kienu l-konvenuti li ħebbew għall-attur u b'hekk l-attur waqa' mal-art u prova jiddefendi ruħu. Li dan hu rrakkontat sew mill-attur, martu u bintu. Xhieda oħra forsi ma qalux eżatt min beda l-ġlieda, biex ma jidħlux bejn il-basla u qoxritha, iżda taw indikazzjoni li ssostni d-dinamika ta' dak li seħħ. Eżempju ta' dan hi x-xhieda ta' Alfred Farrugia, u ċjoè meta xehed li

Antoine kien fuq l-attur u li mill-art beda jxejjer saqajh jew biex ifajjar jew biex jinqala' mill-art. Konsegwentement, b'liema loġika din id-dinamika, u ċjoè bl-attur mal-art u l-konvenut fuqu, setgħet tinftiehem li kien l-attur l-aggressur.

23. Jargumenta li l-attur mhux daqstant 'buli' li jeħodha ma' tnejn minn nies wara li kienet għaddiet tiegħu tliet darbiet. Li l-probabbilità hi li l-attur niżel mal-art minn jeddu u mbagħad iġġieled lil ħutu minn mal-art stess hi baxxa. Liema ġellied ser jiġbed flok jimbotta u liema aggressur, li għandu favurih l-element tas-sorpriża u l-imprevedibbilità ser jispiċċa b'diżabilità permanenti u dak deskritt bħala vittma jispiċċa b'żewġ girfiet?

24. Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qieset li skont is-sieħba ta' bint l-attur, Louise Fisher, ma kienx ċar min beda l-ġlieda, iżda skont ma qalet fil-proċeduri kriminali hu ċar li kien l-intimat Herbert Debattista li mar għall-attur, tant li ġibduh u reġa' mar għalih. Li Louise Fisher xehdet li l-attur kien bil-ktieb f'idu jitkellem mal-qassis, il-konvenut Herbert Debattista mar jiġri lejn l-attur jigdem il-ponn ta' jdejh sakemm ġibduh lura, ikkalmaw l-affarijiet u mill-ġdid il-konvenut mar għall-attur qisu kien kalamita. L-attur jargumenta li din ix-xhieda hi kredibbli anke jekk l-Ewwel Qorti b'referenza għax-xhieda ta' Louise Fisher qalet li lanqas Fisher ma xehdet min beda l-ġlieda.

25. Jgħid li mhux kredibbli li waqt li kien mal-art Herbert Debattista

sema' persuna qed jinża' ż-żarbun u wara xehed li qala' daqqa ta' żarbun fuq wiċċu u li qabel kien qed jaqla' fuq wiċċu xorta sema' ż-żarbun jinqala'. Jargumenta li l-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda kummenti fuq din ix-xhieda u naqset milli tikkunsidra n-nuqqas ta' kredibbiltà tal-konvenuti.

26. Hemm ċirkostanzi oħra li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra:

a. li l-konvenuti ma semmew xejn dwar il-fatt li ma kienux Malta meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar it-tebut. Li l-attur ma qabadx u organizza l-funeral mal-ewwel u ta ċans lil ħutu jirritornaw lura mill-btala, iżda dan il-konvenuti ma semmewhx biex ma jitfgħux dawl tajjeb fuq l-attur;

b. Li l-konvenuti ma ġabux xhieda ta' dawk il-familjari diretti li kienu magħhom meta nġibdu f'rokna biex tikkalma s-sitwazzjoni;

c. Li l-konvenut Antoine Debattista jgħid li ntilef minn sensih iżda hu ma marx l-isptar, għaliex kien l-attur li mar l-isptar. Jgħid li mhux kredibbli li kellu bżonn imur l-isptar u martu ħallietu mingħajr assistenza;

d. Li l-konvenut Antoine Debattista kien mitfugħ wiċċ ma' wiċċ fuq l-attur iżda l-attur beda jagħtih bis-sieq ġo għajnejh, jgħid li din hi mossa li teħtieġ ġinnastika Olimpika, *oltre* li l-marka taż-żarbun kienet fuq il-qmis;

e. Li l-konvenut Antoine Debattista jgħid li ttieħdu ritratti fuq iz-zuntier stess sagħtejn wara l-funeral, meta quddiesa ta' funeral ma

ddumx sagħtejn;

f. Li l-konvenut xehed li għamel żmien ma jistax jara minn għajn minnhom iżda dan hu kontradett mir-rapporti mediċi li jgħidu li l-konvenut Antoine Debattista sofra ġrieħi ħfief biss;

g. Li l-konvenut Herbert Debattista xehed li kumbinazzjoni l-attur żelaq u x'ħin waqgħu ġew kontra xulxin meta l-fiżika tgħidlek li jekk l-attur kien verament elevat kien ser jiġi fuq l-konvenut Antoine Debattista u mhux taħtu;

h. Li fuq naħa minnhom Herbert Debattista jgħid li mart l-attur qabdet lil Antoine Debattista minn wara u bdiet ittih tant li ċartitlu l-ġlekk minn fuq s'isfel u min-naħa l-oħra Antoine Debattista xehed li kemm mart u kemm bint l-attur, bdew jiġbduh u jżommuh mill-ġlekk u spiċċa bil-qalziet, ġlekk u qmis imqatta'. L-attur jgħid li dan kontradittorju għaliex wieħed jew jiġbed jew iżomm. F'verżjoni oħra lil bint l-attur anqas biss isemmiha anzi jgħid li ftakar li sema' lil bint l-attur tinża ż-żarbun waqt li suppost qed jaqla' fuq wiċċu;

i. Li Antoine Debattista xehed li hu kien mal-art fuq l-attur iżda li bint u mart l-attur baqgħu jżommu lil Antoine milli jinqala', xi ħaġa li ma tagħmilx sens li tħalli lil żewġek taħt l-aggressur;

j. Li hemm inkonsistenza oħra u ċjoè li f'xhieda minnhom l-attur jisħaq li l-attur ta daqqa ta' ponn lil Antoine Debattista u kissirlu n-nuċċali f'wiċċu u fuq naħa oħra, li l-attur ħataflu n-nuċċali u wara tah daqqa ta' ponn;

k. Li l-Ewwel Qorti rrimarkat li Louise Fisher ma setgħetx tara min beda l-ġlieda iżda ma ssemmi xejn dwar il-konsistenza tax-xhieda tagħha max-xhieda tar-rikorrenti;

l. Li l-Ewwel Qorti għamlet aċċenn fuq il-fatt li mart l-attur ma kinitx taf fejn kien Herbert Debattista waqt il-ġlieda iżda taf fejn kien fil-bidu. Kien Herbert Debattista stess li stqarr li xi ħadd ġibdu lura u ħadu f'rokna.

27. Jisħaq li sinċerament ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-attur ma rnexxilux jipprova l-każ tiegħu u kkonkludiet li kien l-attur li dawwar argument verbali f'wieħed fiżiku. Li anke jekk l-Ewwel Qorti kienet konvinta minn dan, l-estent tal-ġrieħi kellhom ikunu parti mill-konsiderazzjonijet tagħha u dan anke b'referenza għall-ġurisprudenza nostrana.

28. **Il-konvenuti *qua* appellati** jwieġbu li l-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti ppruvaw u kkorroboraw it-teżi avvanzata u li l-provi huma voluminużi u dettaljati, partikolarment *in vista* l-atti tal-proċeduri kriminali. Jisħqu li hu punt konstantament ikkonfermat li l-apprezzament tal-fatti tal-Ewwel Qorti ma għandux normalment jiġi disturbat minn qorti ta' kompetenza superjuri, dan anke b'referenza għall-ġurisprudenza nostrana u li biex isir dan lill-qorti fil-grad tal-appell irid jirriżultalha li s-sentenza fl-ewwel grad ma ngħatatx skont prinċipji tal-ekwità.

29. Li l-Ewwel Qorti kienet legalment korrettissima meta tenniet li l-attur ma rnexxilux jipprova sal-grad ta' probabbiltà illi l-ġrieħi li huwa allegatament sofra u l-allegat diżabilità permanenti huma konsegwenza ta' xi aggressjoni da parti tal-konvenuti. Li l-oneru tal-prova hi fuq min jallega kemm b'referenza għall-ġurisprudenza nostrana u kemm għall-artikoli 562 u 559 tal-Kapitolu 12. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Ewwel Qorti setgħet biss tiċħad it-talbiet tal-attur.

30. Li anqas il-provi li ġab l-attur fuq id-danni mġarrba ma kienu konsistenti. *In vista* ta' dan it-talbiet għandhom jiġu miċħuda.

31. Din il-Qorti rat li l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet legali:

> *"Ikkunsidrat ulterjorment:*
>
> *Illi minn analizi tal-provi estensivi suesposti huwa evidenti kunflitt ta' provi bejn il-versjoni moghtija mir-rikorrent, martu u bintu u l-versjoni moghtija mill-intimati. Il-partijiet ilkoll jaqblu li l-atmosfera ta' bejniethom sa mill-kamra mortwarja ma kinitx wahda pjacevoli minhabba li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar 'make-up' li sar fuq il-mejta, ritratt li tpogga u wkoll it-tebut uzat. Il-partijiet jaqblu wkoll li nqala battibekk bejniethom fuq il-qari x'hin il-qassis staqsa min ser jaqra l-knisja x'hin kienu qed jistennew biex jidhlu ghall-funeral. Hemm qbil ukoll tista' tghid li filwaqt li r-rikorrent beda jinsisti li jaqraw martu u bintu, l-intimat Herbert Debattista beda jinsisti li jaqra xi hadd mill-familji kollha. Jirrizulta li l-qassis qalilhom li allura jaqra hu u l-intimati pruvaw imorru jkellmuh sabiex jipperswaduh, f'dan il-mument inqalghet il-glieda u huwa minn dan il-punt li l-versjonijiet tal-partijiet assolutament ma jaqblux.*
>
> *Ir-rikorrent, li ghazel li f'dawn l-atti ma jixhiedx dwar il-glieda u ghalhekk strah fuq il-versjonijiet tieghu fl-atti kriminali, jghid li kienu l-intimati li attakkawh, kissrulu n-nuccali u li bdew jaghtuh wiehed fuq saqajh u l-iehor fuq rasu bir-rizultat li kkagunawlu griehi gravi. Martu u bintu jsostnu li l-involviment taghhom f'din il-glieda kien li pruvaw jifirqu lir-rikorrent Antoine Debattista milli jkompli jsawwat lir-rikorrenti. Ir-rikorrent jghid li wara li ferrquhom huwa sema' lil Antoine Debattista jghid li dak il-lejl kien*

*ser imur ghalih u jisparalu. Minhabba l-griehi li kellu r- rikorrent kellu jmur mal-Ambulanza l-isptar u tilef il-funeral ta' ommu. Ta' rilevanza izda hu li mart ir-rikorrent fl-atti odjerni fl- ewwel xhieda taghha tghid li waqt il-glieda ma tafx fejn kien Herbert Debattista filwaqt li fl-atti kriminali tghid li kien Herbert li assalta lir-rikorrent. Bint ir-rikorrent ukoll tghid li lil Herbert Debattista ratu biss waqt il-battibekk verbali dwar il-qari izda wara ma ratux. Kien missierha r-rikorrent li qalla li Herbet kien tah daqqa.*

*L-intimati da parti taghhom jsostnu li fil-mument li kienu sejrin javvicinaw il-qassis sabiex jippruvaw jipperswaduh fuq kompromess dwar il-qari, ir-rikorrent Charles Debattista inqala' minn wara l-qassis, mar jigri lejn Herbert Debattista sabiex jaghmel ghalih, Herbert Debattista sgicca u r-rikorrent laqat lill-intimat l-iehor Antoine Debattista tant li kissirlu n-nuccali. Fil- mument Charles Debattista jidher li tfixkel fuq it-targa taz-zuntier, waqa' u gibed lil Antoine Debattista mieghu. Waqaw fuq xulxin b'Antoine in parti fuq Charles Debattista. Antoine Debattista beda jiprova jqum izda mart u bint ir-rikorrent bdew izommu lil Antoine Debattista fuqu u r-rikorrent beda jaghti b'siequ b'kemm kellu sahha lejn Antoine Debattista u beda jolqtu anki f'sidru (kif irrizulta mir-ritratti esebiti) u f'wiccu b'dana li anki hariglu demm. Jsostnu li bil-gbid ta' mart u bint ir-rikorrent il-glekk tal-intimat Antoine Debattista tqatta'. L-intimati jghidu wkoll li waqt il- glieda ir-rikorrent nstema' jghid lil Antoine li 'issa c-cans li noqtlok' u li tant kien tah bis-sieq li kien wegga' sieqsu, dan ikkonfermatu wkoll xhud okulari kif suespost. Tul il-glieda skont il-versjoni tal-intimat Herbert Debattista kien fil-vicinanzi ghaliex gibduh l'hemm u ma kienx qed jaghti. Wara li firduhom l-intimat Herbert Debattista ghaddha l-kowt tieghu lil huh Antoine sabiex dan seta' jattendi ghall-funeral ghaliex kellu l-glekk imqatta' u l- qmis bid-demm. Wara l-funeral l-intimat Antoine Debattista mar l-isptar u jghid li soffra griehi f'ghajnejh li baqghet ghal xi zmien ittih il-problemi.*

*Illi evidentement il-versjoni tar-rikorrent titfa' t-tort u r- reponsabilita' tal-incident fuq iz-zewg intimati filwaqt li l-versjoni tal-intimati titfa' t-tort u r-responsabilita' fuq ir-rikorrent. Illi dwar kunflitt ta' provi fil-kawza Maria Xuereb et vs. Clement Gauci et. (290/2001/1) jinghad mill-Qorti tal-Appell Inferjuri kif isegwi:*

*<u>'Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:</u>*

*<u>1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u</u>*

*<u>2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".</u>*

*<u>Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.</u>*

*__Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill- ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal- provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).'__*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Rita Cassar et. vs. Carmel Spiteri et. deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Settembru, 2013 u mhux appellata (2411/1999/1/JRM) dwar dan il-punt inghad kif isegwi:*

*'Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni. Ladarba min kellu l- obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l- oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur.*

*Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l- Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha;'*

*Illi fil-kaz odjern il-Qorti rat li fl-atti civili r-rikorrent ressaq biss bhala prova lilu nnifsu (filwaqt li lanqas xehed fuq id-dinamika tal-glieda izda biss fuq id-danni), lil martu Carmen Debattista u bintu Marie Debattista. Ix-xhieda kollha l-ohra fl-atti tressqu mill-intimati jew altrimenti tressqu bhala prova fl-atti kriminali li gew annessi. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li huma biss ir-rikorrent, martu u bintu li jixhdu li kienu l-intimati jew xi hadd minnhom li bdew il-glieda billi jsostnu li Herbert Debattista ta daqqa lir-rikorrent tant li kissirlu n-nuccali u li l-glieda eskalat minn dan il- punt. Lanqas is-siehba ta' bint ir-rikorrent, fl-atti kriminali ma setghet tixhed minn beda l-glieda ghaliex qalet li dak il-hin ma kinitx qed thares u ndunat bil-glieda wara. Huma wkoll dawn it-tlett xhieda biss li jghidu li Herbert Debattista kien b'xi mod involuti fil-glieda bl-idejn ghalkemm jikkontraidixxu bejniethom u anki lilhom nfushom dwar il-livell ta' involviment li kellu, filwaqt li numru konsiderevoli ta' xhieda ohra li tressqu fl-atti lkoll xehdu li oltre l-battibekk bil-kliem fuq il-qari, Herbert Debattista ma kienx involut fil-glieda.*

*Illi wkoll dwar il-fatt li r-rikorrent u l-intimat Antoine Debattista spiccaw fuq xulxin mal-art, huma biss ir-rikorrenti li jixhdu li kien Antoine Debattista li beda jsawwat lil Charles Debattista. Fil-fatt tista' tghid li x-xhieda l-ohra*

*kollha li tressqu fl-atti u fl-atti kriminali, li ma kienux ftit u uhud minnhom mhux familjari tal- partijiet, lkoll xehdu li ghalkemm Antoine x'hin ingibed mal-art minn Charles Debattista gie fuqu, kien izda Charles Debattista li beda jaghtih bis-sieq bir-rizultat li anki kissirlu n-nuccali u kellu d- demm anki f'wiccu u mhux bil-kontra. Ukoll minn dawn ix- xhieda u mix-xhieda tal-istess intimati rrizulta li mart ir-rikorrent u bintu aktar milli bdew jipruvaw jifirqu lir-rikorrent u lil Antoine minn ma' xulxin aktar bdew jghinu lir-rikorrent billi jzommu lill- Antoine milli jqum biex ir-rikorrent jibqa' jiprova jtih. Tant bint ir- rikorrent kienet lesta ghall-glied li nehhiet iz-zarbun biex tkun komda tagixxi kif riedet. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li mart ir-rikorrent u bintu kellhom kull interess li ma jghidux il-verita' kollha dwar kif sehh l-incident izda d-diversi xhieda ohra li tressqu fl-atti kollha kkontradixxew u giddbu l-versjoni taghhom.*

*Ill in oltre ghalkemm ir-rikorrent, martu u bintu jixhdu li semghu lill-intimat Antoine Debattista jhedded lir-rikorrent li ser isibu u jtih tir, effettivament jirrizulta minn bosta xhieda ohra li dan it-theddid mhux minnu li sar anzi kien l-istess rikorrent li hedded lil Antoine Debattista b'hafna nies jisimugh jghid li 'issa cans li noqtlok'. Bosta xhieda wkoll qalu li semghu lill-istess rikorrent fid-daghdiha tal-mument jghid li kien ghajja jaghti bis-sieq lil Antoine Debattista tant li kien wegga' siequ.*

*Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti l-Qorti tqis li l- versjoni vera dwar kif sehh l-incident in kwistjoni hija dik riportata mill-intimati u l-bosta xhieda ohra li tressqu da parti taghhom u anki fl-atti kriminali. L-intimati jammettu li kienu urtati fil-kamra mortwarja izda ma qalu xejn, jammettu wkoll li nqala' battibekk dwar il-qari bejn il-familja tar-rikorrent u Herbert Debattista, b'Antoine Debattista jisma' hdejhom. L-intimati jammettu wkoll li waqt dan l-argument bil-kliem l-ilhna gholew. Herbert Debattista ma qabilx mad-decizjoni tal-qassis li jaqra hu u prova jersaq lejh sabiex jaslu ghal ftehim li jaqraw il-familji kollha izda f'dan il-mument ir-rikorrent Charles Debattista jirrizulta li qabzitlu u prova jaghmel ghal Herbert Debattista. Herbert Debattista rnexxielu jisgicca u d-daqqa ta' ponn da parti tar- rikorrent jew l-attakk tar-rikorrent spicca hadu Antoine Debattista. Antoine Debattista konsegwenza tal-attakk f'wiccu mir-rikorrent tikissirlu n-nuccali u f'dan il-hin, ghaliex ir-rikorrent tfixkel fit-targa taz-zuntier, waqa' mal-art u gibed lil Antoine Debattista fuqu mieghu. Antoine Debattista filwaqt li beda jipprova jqum minn fuqu spicca attakkat minn taht mill-istess rikorrent li beda jtih bis-sieq u jolqtu fejn jigi jigi inkluz sidru u wiccu, filwaqt li martu u bintu bdew izommu lil Antoine Debattista' milli jqum.*

*Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-glieda li konsegwenza taghha huwa jghid li sofra disabilita' permanenti sehhet tort l-intimati anzi pjuttost jirrizulta li din sehhet tort tieghu u kompliet teskala bl-ghajnuna ta' martu u bintu. Huwa minnu li l-intimati, kif ammettew, kellhom xi jghidu verbalment mar-rikorrent izda kien ir-rikorrent li dawwar argument verbali ghal wiehed fisiku bil- konsegwenzi kollha li dan gab mieghu.*

*Ghaldaqstant la darba r-rikorrent ma rnexxilux jipprova l- allegazzjoni tieghu li l-glieda sehhet b'tort u b'responsabilta' talintimati, din il-Qorti ma tistax' tghaddi ghal likwidazzjoni ta' danni favur tieghu b'dana li ser tghaddi sabiex tilqa' l- 39 eccezzjonijiet kollha tal-intimati u tichad it-talbiet kollha tar- rikorrent kif dedotti fil-konfront tal-intimati."*

32. **Din il-Qorti tqis li dak li qed jitlob l-appellant huwa li din il-Qorti tagħmel riapprezzament tal-provi u tiddisturba dak deċiż mill-Ewwel Qorti. Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet <u>Rocco *sive* Ronnie Schembri et vs C&F Building Contractors Limited (C15308)</u>, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar it-18 ta' Ġunju 2024 fejn intqal li:**

***"...** Kif inżamm fis-sentenza Antoine Spiteri v. Mario Vella et. mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2023:*

> *"Għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn l-appellant jilmenta mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser titwettaq inġustizzja. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula)."*

*23. Illum huwa aċċettat li, fejn jidħol l-apprezzament tal-provi mwettaq minn qorti tal-ewwel istanza, "il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat*

*irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti" (Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr Joseph Muscat – Prim Ministru et. – Qorti tal-Appell – 14 ta' Diċembru, 2018; ara wkoll Stephen Tanti et. v. Louis Scerri Montalto et. – Qorti tal-Appell – 8 ta' Ottubru, 2020)."*

33. **Meqjus dan, din il-Qorti fliet l-atti u x-xhieda mressqa, rat li l-attur kien iċċertifikat li sofra diżabilità kemm fiżika u kemm psikoloġika. Rat li anke l-konvenut Antoine Debattista sofra minn xi ġrieħi frott l-inċident. Tassew, din il-Qorti tifhem li r-relazzjoni tal-partijiet mhux waħda tajba daqs kemm għandha tkun ta' tlett aħwa li għandhom il-grazzja li jgawdu lil xulxin. Jidher ċar li teżisti animożità bejn il-partijiet. Din il-Qorti tifhem ukoll li l-attur huwa ddispjaċut li tilef l-aħħar tislima lill-ommu.**

34. **Din il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni n-narrattiva li ttenta jressaq l-attur fl-appell tiegħu, li la hu rebaħ żewġ argumenti (fir-rigward tal-irtokk u għażla tat-tebut) mela allura ma kienx hu li ser jibda l-argument, madankollu anqas jista' jiġi injorat li skont kif qal l-attur stess, dak il-ħin tad-diżgwid fuq il-qari l-konvenuti għaddew diskors li bintu kienet barranija. Tassew jekk dan hu minnu, dan seta' faċilment inkorla lill-attur.**

35. **Tqis li l-Ewwel Qorti qieset korrettament li x-xhieda mressqa hija kontradittorja u li jidher ukoll li kien l-attur li fajjar l-ewwel daqqa**

**ta' ponn. Din il-Qorti tqis li huwa plawsibbli li b'xi mod l-attur tgerbeb it-taraġ taz-zuntier u li l-partijiet komplew jagħtu f'xulxin. Fir-rigward tal-argument li l-Qorti missha emmnet lill-attur u familtu minflok lix-xhieda mressqa mill-konvenuti, u li l-kwantità ta' xhieda ma għandhiex tissupersjedi l-kwalità u l-kontenut tax-xhieda, din il-Qorti ma tqisx li l-attur ressaq xi raġuni biżżejjed biex ix-xhieda mressqa mill-konvenuti ma jiġux emmnuti.**

36. **Konsegwentement u meqjus dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li għandha raġuni biżżejjed sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u ser tiċħad dan l-aggravju.**

**Decide**

37. Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu. Spejjeż kontra l-attur.

| Mark Chetcuti | Robert G. Mangion | Grazio Mercieca |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss